~~Qawwa l-marid, sabar il-fqir, u sliema~~
~~Ikollu l-baħri biex il beltu jara,~~
~~Il-għonja dawl, u xogħol il-ħaddiema.~~

~~Bħal aħwa n'eqfu ma' xulxin, kif Alla~~
~~Jitlob mill-bniedem, mimlijin bil-ħrara~~
~~Wieħed għal ieħor, kif miktub Hu ħalla.~~

## L-ARMLA

Bil-hemm, bil-biki d-dinja wisq mimlija,
Għodwa ma tisbaħ li ma jikbi ħadd,
Kif kulljum nara jien, u drabi fija.

Daqqa dak, daqqa dak, iżda kulħadd
Kellu, għandu, jo jkollu jwaġġa' qalbu,
U ħadd ma jgħid — "Ma bkejt, ma nibki qatt".

Min dak l-hemm, min dak l-uġigħ isallbu,
Hieni min jista' fis jeħles minn hemmu,
U fih ma jibqa' sakemm wisq igħallbu.

Fost l-akbar weġgħa l qalb li nistgħu nsemmu,
Jien nara meta r-raġel titlef mara
Li kienet biss titgħajjex b'għarqu u demmu.

Dit-telfa hi wisq, li minnha jiġi wara
Hu ħaġa trieghed; omm fqira, miskina......
Fuq ul'edha min qatt jista' jsabbarha!......

Jekk Alla ma jħarisx ħarsa ħanina
Fuqha mis-sema, ħadd ma jkun għaliha,
U x'inhu l-akbar hemm l-armla turina.

Tara kulħadd iwarrab u jħalliha,
Dawk li dari ta' ġewwa lkoll jitbiegħdu,
U saħansitra niesha l-ġenb tatiha.

Jista' jkun, dawn għall-ewwel lilha jqiegħdu
F'xi tama, iżda ftit ftit jibdew jerħuha,
U jonqsu f'qasir żmien minn kull ma wegħdu.

B'xi kliem il-barranin biss iserrħuha;
Il-għonja tittamaha, u l-kbarat
Mitlubin għal xi faraġ, ma jagħtuha.

Xinhu li trid min-nies qatt ma tkun rat
Għadha l-imsejkna, u ġġarrab il-mistħija,
Li ġġib fil-qalb uġigħ li ma jingħad.

Għal uliedha bla ġid, bla snien, bla ħtija
Tħabrek sabiex fil-ġuħ lilhom ma tara,
U kemm tista' tbegħidhom mit-tbatija.

Tikber ġo qalbha għal uliedha l-ħrara,
Għax tieħu s-sehem li għalihom kellu
Missierhom, qabel lilha ġrat il-ħsara.

U t-tfal f'idejha biss ruħhom iwellu,
Ma jgħarfux fid-dinja ebda għajr lilha:
B'xi faraġ minnha biss huma jibtellu.

Uh, għal qalb l-armla kemm, kemm hi qalila,
Xħin trid uħidha taħseb għall-iltiema,
U għal wisq ħteġijiet nuqqas jiġilha!

U jekk għall-ħobż it-tfal tibki quddiemha!
U jekk ilħamhom jidher?...... O Mulejja,
Int għixt fid-dinja fqir, int isma kliemha!

Niskot, għaliex id-dmugħ wasal f'għajnejja.

## IŻ-ŻAGĦŻUGĦ U X-XIĦ

Żagħżugħ lix-xiħ: — "Li kont felħan kemm merħi,
Kieku kont ittih xebgħa lil Sansun".

U lilu x-xiħ: — "Li kellek għerf kemm bluha,
kieku egħref int bil-wisq minn Salamun".

Ma għandna qatt niddieħku
Bix-xjuħ li xejn ma tfittxna,
Għaliex wisq drabi jiġri
Li d-daħka tibqa' f'wiċċna.